**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 9 ta` Gunju 2016**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 814/2016 JZM fl-ismijiet :**

1. **Federation of English Language Teaching of Malta (FELTOM)**
2. **Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA)**
3. **Professional Diving School Association (PDSA)**
4. **Malta Association of Hotel Executives (MAHE)**
5. **Joseph Attard (K.I. 230463M)**
6. **Divesystems W S Limited (C9041)**
7. **Toro Company Limited (C24225)**
8. **Il-Kamra tal-Kummerc ghal kull interess li jista` jkollha**

***kontra***

1. **Il-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima**
2. **Il-Ministru ghall-Finanzi**
3. **Il-Ministru ghat-Turizmu**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fit-30 ta` Mejju 2016.

Fit-30 ta` Mejju 2016, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, tathom sad-9 ta` Gunju 2016 fid-9.00 a.m. sabiex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghad-9 ta` Gunju 2016 fl-10.30 a.m.

Fit-30 ta` Mejju 2016, il-Qorti tat digriet iehor fejn, waqt illi cahdet talba tal-intimati sabiex ikun hemm revoka tad-digriet li bih kien milqugh provvizorjament il-hrug tal-Mandat, irrikjamat is-smigh tar-rikors ghall-ghada 31 ta` Mejju 2016 fis-2.00 p.m bl-abbrevjazzjoni tat-terminu ghall-presentata tar-risposta tal-intimati li kien iffissat sal-11.00 a.m. tal-jum tas-smiegh tar-rikors.

L-intimati pprezentaw risposta fit-terminu prefiss minn dan l-ahhar digriet.

Ir-rikors kien ittrattat fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2016.

Imbaghad thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

**II. It-talba**

Ir-rikorrenti **talbu** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimati jew min minnhom sabiex :-

***Jigu inibiti milli jdahhlu fis-sehh l-Avvizi Legali 174 u 175 tal-2016, kif ukoll milli jimplimentaw u jenforzaw l-istess Avvizi Legali.***

## III. <u>Sintesi tax-xiehda</u>

**<u>Anton Spiteri</u>** – inkarikat mis-setturi ekonomici tal-Kamra tal-Kummerc – xehed illi l-Kamra tal-Kummerc qeghda titlob il-hrug tal-Mandat ghaliex fil-process li wassal ghall-hrug tal-Avvizi Legali, kien hemm nuqqas ta` konsultazzjoni, in partikolari mal-membri tal-Kamra, rikorrenti fil-procediment tal-lum, b`mod illi dak in-nuqqas ippregudika l-interessi taghhom. Qal illi l-process li wassal ghall-Avvizi Legali imur kontra id-disposizzjonijiet tal-Kap 512 tal-Ligijiet ta` Malta, li jipprevedu li meta tkun se ssir legislazzjoni li tkun sejra tolqot settur tan-negozju, din trid tkun preceduta minn process effettiv ta` konsultazzjoni mal-*stakeholders* kollha, sabiex ikun hemm tutela tal-interessi kollha, u l-process ikun kondott tajjeb.

Qal illi meta fl-ahhar Budget thabbret l-eko-kontribuzzjoni, ir-rikorrenti kitbu lill-Gvern u ghamlu r-rapprezentazzjonijiet taghhom. Pero` l-Ministeru tat-Turizmu, li kien qed imexxi l-process, waqaf hemm, u beda jikkonsulta biss mal-MHRA, ghaliex fil-fehma taghhom, il-Ministeru kien qed ihares biss lejn min se jigbor it-taxxa u cioe` l-*accomodation providers* mentri fir-realta` kien hemm operaturi ohra fis-settur li kienu sejrin jintlaqtu. Il-konsultazzjoni kellha ssir ma` kull min kien ser ikun affettwat mhux biss ma` dawk li kienu ser jigbru t-taxxa.

Kompla jghid illi fis-7 ta` April 2016 il-Ministeru sejjah laqgha ghall-membri tal-MHRA fejn dawn kienu nfurmati bir-rizultat tal-konsultazzjonijiet li kien ghamel maghhom. Ir-rikorrenti saru jafu bil-laqgha ghaliex wiehed mir-rikorrenti nzerta kien prezenti *taht kappell iehor* (kliem ix-xhud). Bhala segwitu ghal dik il-laqgha, ir-rikorrenti talbu laqgha mal-ufficjali tal-Ministeru. Saret laqgha fix-xahar ta` Mejju 2016. Fil-laqgha r-rikorrenti ghamlu l-posizzjoni taghhom u ressqu l-proposti taghhom fis-sens illi filwaqt li l-eko-kontribuzzjoni tidhol xorta, l-effetti negattivi taghha jkunu resi ghall-minimu. Minkejja dik il-laqgha u ohrajn li l-President tal-Kamra tal-Kummerc kellu mal-Ministru, it-talbiet taghhom ma kienux milqugha. It-thassib ewlieni taghhom kien illi l-kontribuzzjoni kienet sejra tolqot b`mod negattiv lil dawk l-operaturi tat-turizmu li jahdmu bil-'package tours' u li jkunu nnegozjaw u qablu dwar prezz tal-pakkett shih xhur ilu. Talbu li jinghataw koncessjoni illi fejn kien hemm 'package tours' diga` maqbula u miftehma, it-taxxa ma tkun tghodd ghalihom. Inoltre t-taxxa kien se ikollha tingabar mill-'host families' fil-kaz ta` studenti li jigu minn barra biex jitghallmu l-Ingliz u dawn il-'host families' ma kienux attrezzati biex ikunu kolletturi tat-taxxa bil-burokrazija li haga bhal din iggib maghha. L-ilmenti u l-proposti taghhom kienu respinti mill-Ministeru.

Stqarr illi bil-mod kif mxew maghhom, l-intimati marru kontra l-obbligu tal-

konsultazzjoni skont kif mahsub fl-Att dwar l-Intraprizi x-Zghar (Kap 512 tal-Ligijiet ta` Malta).

**Fil-kontroezami**, Anton Spiteri kkonferma li qabel jigi prezentat il-Budget ta` kull sena anke l-Kamra tal-Kummerc taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha. Dwar il-mizuri mhabbra fil-Budget inkluza dik in kwistjoni, il-Kamra kitbet lill-Gvern fit-30 ta` Ottubru 2015. Il-Kamra taqbel li tidhol l-eko-kontribuzzjoni izda mhijiex taqbel mal-Gvern dwar kif sejra tiddahhal. Il-Kamra tirrapprezenta membri li huma 'accomodation providers' fil-qasam tat-turizmu. Uhud mir-rikorrenti huma 'accomodation providers'. Ikkonferma li t-taxxa kienet ser tkun imposta fuq it-turist mhux fuq l-'accomodation provider' li ser ikollu l-obbligu li jogbor it-taxxa ghall-Gvern. Skont ix-xhud, bil-fatt illi ghal xi zmien il-Gvern qed ighid illi ser jippretendi l-hlas ta` 85% (mhux ta` 100%) tat-taxxa migbura hija ammissjoni li s-sistema mhux ser tahdem kif kienet ippjanata. L-invit ghal-laqgha tas-7 ta` April 2016 hareg lill-membri tal-MHRA.

**Julian Cassar Torreggiani** xehed li huwa direttur tas-socjeta` rikorrenti Toro Company Limited li hija nvoluta fil-qasam tal-iskejjel tal-Ingliz. Ikkonferma l-korrettezza tax-xiehda ta` Anton Spiteri. Kif se ssir l-introduzzjoni tal-eko-kontribuzzjoni sejra tolqot hazin il-'host families' ghaliex filwaqt il-ligi tal-VAT tezentahom mill-kollezzjoni tal-VAT, fil-kaz tal-eko-kontribuzzjoni se jkunu kostretti jigbru t-taxxa ghall-Gvern, billi huma qeghdin joffru l-akkomodazjoni. L-istatistika turi illi 30% tal-persuni li jigu Malta biex jistudjaw l-Ingliz joqghodu ma` l-'host families'. Ghalkemm persuni taht it-18-il sena huma ezenti mill-hlas tal-kontribuzzjoni, 53% tal-persuni li gew Malta biex jistudjaw l-Ingliz fl-2015 kellhom aktar minn 18-il sena. Il-familji se jitghabbew bi spejjez ta` amministrazzjoni, burokrazija u 'paperwork' li ma jaghmilx sens ghalihom meta dawn mhumiex operaturi turistici bhal ma huma l-lukandi.

**Fil-kontroezami,** ix-xhud kien mistoqsi dwar it-53% tal-persuni li jistudjaw l-Ingliz li ghandhom aktar minn 18-il sena. Qal illi mhux kollha jmorru ma` 'host families' ghaliex hemm min jippreferi l-lukandi jew appartamenti pero` t-tendenza li jmorru mal-'host families' qeghda tizdied specjalment it-tedeski. Ghamel enfasi fuq l-impatt negattiv ghas-sitwazzjonijiet li huma fil-bicca l-kbira fejn ikunu gew negozjati 'packages' ghal dan is-sajf sa mix-xitwa li ghaddiet. Qabel hargu l-Avvizi Legali, hadd mill-Ministeru ma talabhom jipprezentaw 'sample contract' ta` dawn il-'packages' ; ghalhekk ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw minn nuqqas ta` konsultazzjoni.

**Av. Dr. Charlon Gouder** – delegat tal-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima – xehed illi z-zewg Avvizi Legali in kwistjoni kienu

ppubblikati fl-20 ta` Mejju 2016. Ipprezenta kopja taz-zewgi Avvizi Legali kif ukoll kopja tad-Diskors tal-Budget. Ippreciza li fil-pagni 23 u 24 hemm riferenza ghall-mizura in kwistjoni. Mal-pubblikazzjoni tal-Avvizi Legali, kull ma kellu jsir sar kollu, u ma hemm xejn aktar xi jsir. Bis-sahha tal-Avvizi Legali, it-taxxa tkun dovuta fl-1 ta` Gunju 2016.

**George Micallef** – konsulent tal-Ministru tat-Turzmu – xehed illi l-gbir tal-eko-kontribuzzjoni mhux se jmur fil-Fond Konsolidat izda se jkun investit direttament fil-prodott turistiku. Bejn l-1 ta` Gunju 2016 u l-31 ta` Dicembru 2016 huwa previst illi jidhlu €3.5 miljun minn din it-taxxa. Il-parti l-kbira tingabar ghax-xhur tas-sajf. Billi mhux l-operaturi kollha li se jkunu obbligati jiehdu hsieb il-gbir tal-kontribuzzjoni minghand it-turist huma prattici, kien deciz illi ghall-ewwel hames xhur ikun hemm 'rebate' ta` 15% fuq l-ammont ta` taxxa li jingabar. Qal illi 42% tat-turisti jigu fuq 'travel packages' waqt li l-bqija jsibu mezzi ohra ta` sistemazzjoni.

Qal illi l-MHRA tirrapprezenta 66% tal-operaturi u ghalhekk saru konsultazzjonijiet maghha. Ma jfissirx li haddiehor kien injorat. Kull min ried isemma` lehnu u kellu interess kellu l-opportunita` li jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu. Finalment pero` d-decizjoni tal-ahhar kienet tal-Gvern. Qal illi wara li l-mizura kienet imhabbra fid-Diskors tal-Budget, il-Ministeru tat-Turizmu beda jahdem fuq id-dettalji bil-hatra tal-konsulenti finanzjarji, teknici u legali u hejjew kull ma kien hemm bzonn. Imbaghad bdew il-konsultazjonijiet. Fis-7 ta` April 2016 saret 'information session' fejn kienu mfissra d-dettalji. Ghal din l-attivita` kienu mistiedna membri tal-MHRA, il-bord tal-MTA u nies ohra nvoluti fis-settur turistiku. Is-settur tal-'language schools' huwa rapprezentat fl-MTA u allura dak ir-rapprezentant ircieva invit biex jattendi ghal-laqgha. Il-Kamra tal-Kummerc ma kenitx mistiedna ghaliex il-Kamra m`ghandhiex rapprezentanza fuq il-bord tal-MTA. Ir-rikorrenti mhux 'accomodation providers' jew rapprezentanti ta` 'accomodation providers' propju ghaliex dawn ma kienux se jigbru t-taxxa.

**Fil-kontroezami**, George Micallef stqarr illi l-grupp ta` nies – inkluz hu bhala konsulent tal-Ministru – kienu nvoluti mill-bidu nett fit-tfassil tal-ligi li kellha twassal ghat-tnedija tal-eko-kontribuzzjoni. Huwa kien involut f`diskussjonijiet li saru mal-MHRA, mal-FELTOM u mal-Kamra tal-Kummerc separatament. In partikolari, sema` l-proposta biex il-ligi tibda tghodd mill-1 ta` Novembru 2016 minghand il-Kamra tal-Kummerc. Semghu kif kien qed jinghad illi l-introduzzjoni tal-kontribuzzjoni kienet sejra tolqot lill-operatur iz-zghir bhal ma huma l-'host families'. Il-Ministru sema` lil kulhadd u ha decizjoni wara li tkellem mat-teknici tieghu. Il-laqgha ta` April 2016 kienet *briefing session* (kliem ix-xhud). Il-konsultazzjonijiet saru qabel il-laqgha ta` April 2016 u wara d-Diskors tal-

Budget.

**Gail Debattista** – konsulent fil-Ministeru tat-Turizmu – xehdet illi l-eko-kontribuzzjoni mertu taz-zewg Avvizi Legali in kwistjoni kienet thabbret fid-diskors tal-Budget ta` Ottubru 2015. Flimkien ma` George Micallef, hija kienet involuta fil-process ta` konsultazzjoni. L-ewwel kien hemm konsultazzjoni ma` konsulenti esterni sabiex jinstab l-ahjar mod kif tidhol l-eko-kontribuzzjoni. Fis-7 ta` April 2016 saret laqgha ta` informazzjoni li ghaliha kienu mistiedna l-board tal-Awtorita` tat-Turizmu, kif ukoll persuni u entitajiet distinti mill-Awtorita` ; fost dawn tal-ahhar kienu hemm l-operaturi licenzjati. Il-laqgha ta` informazzjoni kienet parti mill-process ta` konsultazzjoni fejn il-persuni interessati taw il-fehmiet taghhom. Anke anke wara l-laqgha baqghet ghaddejja l-konsultazzjoni. Il-fehmiet kienu espressi mhux biss bil-miktub izda anke bil-fomm mal-Ministru stess. Kien hemm evalwazzjoni u wara it-twettieq.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi ma tafx illi rat ittra li ntbaghtet mill-Feltom fis-17 ta` Novembru 2015 lill-Ministru tal-Finanzi b`kopja lil Ministri ohra fosthom il-Ministru tat-Turizmu. Huma rcevew komunikazzjonijiet minghand il-Feltom, l-MHRA u anke ndividwi. Fuq li rcevew, tkellmu maghhom, inkluz ma` l-MHRA li kellmithom mill-bidu nett, billi tirrapprezenta zewg-terzi tal-operaturi. Mill-proposti li ghamlet l-MHRA, uhud kienu accettati ; ohrajn ma kienux. Il-proposta tal-ezenzjoni ta` 15% saret mill-MHRA u persuni ohrajn, u kienet accettata. Il-Ministeru tkellem ma` kull min wera x-xewqa li jitkellem maghhom. Mal-MHRA l-kuntatti kienu aktar spissi ghaliex l-MHRA kienet qeghda tippressa biex twassal il-fehmiet taghha.

## III. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tlieta. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew*

*awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Din tal-lum hija talba ghall-hrug tal-Mandat li tinkwadra ruhha fis-subinciz tlieta (3) billi l-istanza hija diretta kontra tliet Ministri tal-Gvern.

It-tliet subincizi <u>kif inhuma llum</u> dahlu fil-Kap 12 bis-sahha tal-Art 102 tal-Att XIV tal-2006.

Tajjeb jinghad illi qabel l-emenda bl-Att XIV tal-2006, is-subinciz tlieta (3), li kien gie introdott ghall-ewwel darba bl-Art 8 tal-Att VIII tal-1981, kien jaqra hekk :-

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq ma jkunx jista` jigi rimedjat.*

Minn analizi tas-subincizi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 <u>kif inhuma llum</u>, wiehed isib illi din il-Qorti hija prekluza milli ("***<u>m`ghandhiex</u>***") tordna l-hrug tal-Mandat kontra l-Ministri ntimati – jew min minnhom - kif qeghdin jirrikjedu r-rikorrenti, <u>sakemm</u> ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi r-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandhom dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi jrid ikun hemm konferma mill-intimati fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir ;
iv) Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-pregudizzju li jinholoq lir-rikorrenti, kemm –il darba ma jinharigx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li r-rikorrenti jitolbu li tigi mizmuma.

## IV. **Gurisprudenza**

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal xi principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghha dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, u li huma rilevanti ghall-kaz tal-lum :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-element tal-pregudizzju llum bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern m`ghadux dak ta` pregudizzju *li ma jkunx jista` jigi rimedjat*, kif kien il-kaz qabel dahlet l-emenda ghall-Art 873 bl-Att XIV tal-2006. Illum bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

3) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **hija obbligata** tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

4) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

5) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha

tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

6) Dwar id-dikjarazzjoni quddiem il-qorti bil-miftuh, din il-Qorti, fil-provvediment taghha tal-5 ta` Jannar 2016 fil-procediment fl-ismijiet "**Anthony Camilleri et vs Onor Ministru Dott Christian Cardona**" qalet hekk :-

" *... illi ghall-fini tal-Art 873(3) mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li, fi procediment ghall-hrug ta` l-Mandat kontra l-Gvern, tistharreg u tindaga dwar l-attendibilita` tad-dikjarazzjoni li tkun qeghda ssir fil-miftuh. Jekk tidhol fi process ta` din ix-xorta, il-Qorti tkun qeghda tohrog mill-binarji previsti mill-Art 873(3).*

*Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fejn l-Art 873(3) jitkellem dwar illi "l-qorti tkun sodisfatta" dik il-frazi mhijiex qeghda tirreferi ghall-konferma o meno, izda qeghda torbot mar-rekwizit erbgha (iv) li huwa l-"isproporzjon fil-pregudizzju". Bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, il-legislatur uza l-konguntiv "u". Ghal din il-Qorti dan sar sabiex min-naha wahda jaghmel distinzjoni bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, u min-naha l-ohra sabiex jinsisti li fis-sitwazzjoni prevista fl-Art 873(3) iz-zewg rekwiziti jridu jsehhu flimkien."*

## V. Risultanzi

**In primis, il-Qorti sejra tqis is-sussistenza tat-tieni rekwizit u cioe` jekk jidhirx illi r-rikorrenti ghandhom jeddijiet *prima facie*. Sejra taghmel dan ghaliex jekk dan it-tieni rekwizit ma jirrizultax, ikun ghal kollox inutili li tistharreg jekk jirrizultawx it-tliet rekwiziti l-ohra.**

Ghar-rikorrenti, il-bazi fid-dritt li ssostni t-talba taghhom ghall-hrug tal-Mandat hija li billi huma lkoll intraprizi zghar jew medji, li huma regolati bl-Att dwar l-Intraprizi z-Zghar (Kap 512 tal-Ligijiet ta` Malta), il-ligi stess tistabilixxi procedura ghall-introduzzjoni ta` legislazzjoni bhal ma huma l-Avvizi Legali in kwistjoni. Ir-rikorrenti jirreferu in partikolari ghall-Art 3(2)(a) u (b) tal-Kap 512. Skont ir-rikorrenti, il-Kap 512 jistipula illi l-Gvern ghandu jaghmel studju adegwat biex jizen l-impatt li ligijiet bhal dawk in kwistjoni ser ikollhom fuq min se jkun affettwat. L-istudju jinvolvi konsultazzjoni xierqa, ampja u meqjusa mal-partijiet kollha koncernati. Skont l-istess disposizzjoni, mitmum il-process ta` konsultazzjoni, il-ligi ghandha tidhol fis-sehh biss wara xaghrejn mid-data tal-pubblikazzjoni taghha. Skont ir-rikorrenti, l-intimati ma osservawx id-disposizzjoni tal-Kap 512.

Kif ighid il-Kap 512 fl-introduzzjoni li tipprecedi d-disposizzjonijiet tal-ligi, l-Att dwar l-Intraprizi z-Zghar sar :-

*Biex itejjeb l-ambjent ta' operazzjoni ghal intraprizi zghar u medji sabiex jigi ffacilitat it-twaqqif u t-tkabbir taghhom. Dan l-Att jipprova jidentifika dawk iz-zoni fejn l-ambjent regolatorju ezistenti jista' jitjieb sabiex jigu provduti soluzzjonijiet li minnhom jibbenefikaw intraprizi u isir izjed facli ghalihom li joperaw. Dan l-Att ukoll iwaqqaf il-Kunsill Konsultattiv tal-Intraprizi u l-Kullegg tar-Regolaturi, zewg korpi konsultattivi, bil-ghan li jipprovdu forum ghal konsultazzjoni u djalogu socjali, jaghtu parir lill-Gvern dwar sfidi li jiffaccjaw l-intraprizi tannegozju, jindirizzaw ilmenti li johorgu mill-intrapriza tan-negozju u johorgu b'azzjoni ta' rimedju.*

Ir-rikorrenti jirreferu ghall-Art 3(2)(a) u (b) tal-Kap 512. B`zieda ma` dak citat mir-rikorrenti, il-Qorti sejra tirreferi ukoll ghas-subartikolu (1). Jinghad :-

*(1) B'zjieda mat-twettiq tas-setghat, funzjonijiet u responsabbiltajiet attribwiti lil dipartiment tal-gvern, entità tal-gvern jew agenzija tal-gvern taht l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, u taht kull legislazzjoni ohra dwar il-kompetenza taghhom, dipartiment tal-gvern, entità tal-gvern jew agenzija tal-gvern ghandhom jipprovaw jiffacilitaw it-twettiq tal-attivitajiet tan-negozju.*

*(2) Fit-twettiq tal-funzjoni tieghhom taht is-subartikolu (1), dipartiment tal-gvern, entità tal-gvern jew agenzija tal-gvern ghandhom :*

*(a) qabel ma jissottomettu lill-Parlament jew jipprezentaw strument quddiem l-Kamra tad-Deputati, jivvalutaw l-effett li l-istrument propost jista' jkollu fuq l-ambjent ta' operazzjoni tal-SMEs ;*

*(b) fi zmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tieghu fil-Gazzetta jikkomunikaw l-istrument, li jkun ghadda mill-Parlament jew ikun gie prezentat lill-Kamra tad- Deputati, lis-setturi kollha affetwati bl-introduzzjoni tieghu, u ghandhom jinformaw lis-setturi tan-negozju dwar id-data tad-dhul fis-sehh tal-istrument :*

*Izda l-ebda strument, li ghalih japplika dan is-subartikolu, ma jista' jidhol fis-sehh qabel it-tmiem tat-terminu ta' xahrejn msemmi f'dan il-paragrafu.*

Ghall-mument, il-Qorti sejra tillimita ruhha ghad-disposizzjoni citata mir-rikorrenti bhala l-bazi tat-talba taghhom ghall-hrug tal-Mandat kontra l-intimati. Fi kliem aktar car, il-Qorti sejra tistharreg jekk abbazi ta` *dik* id-disposizzjoni jistghux ir-rikorrenti jitolbu l-hrug tal-Mandat kontra *dawn* l-intimati. Il-Qorti

tghid mill-ewwel illi r-rikorrenti ma jistghux jinvokaw id-disposizzjoni citata minnhom kontra l-intimati *prezenti* billi l-Art 3(1) u (2) japplikaw ghal *dipartiment tal-gvern, entita` tal-gvern jew agenzija tal-gvern.* Fil-procediment tal-lum, tliet *Ministri* kienu citati bhala ntimati ; fl-istess waqt l-ebda *dipartiment tal-gvern* (kif imfisser fit-Tieni Skeda tal-Kap 479 tal-Ligijiet ta` Malta) l-ebda *entita` tal-gvern* (kif imfissra fl-Art 2 tal-Kap 512) u l-ebda *agenzija tal-gvern* (kif imfisser fir-Raba` Skeda tal-Kap 497) ma kienu citati bhala ntimati fil-procediment tal-lum. M`ghandux ikun hemm l-icken dubju li ebda Ministru tal-Gvern ma huwa *dipartiment tal-gvern, entita` tal-gvern jew agenzija tal-gvern.* Dan ifisser illi t-tliet Ministri ntimati ma jistghux jitqiesu bhala legittimi kontraditturi tar-rikorrenti. Aktar u aktar fil-kaz tal-lum meta mill-provi rrizulta li bejn id-Diskors tal-Budget u l-pubblikazzjoni tal-Avvizi Legali l-konsultazzjonijiet kienu kondotti direttament mill-ufficjali tal-Ministeru tat-Turizmu u/jew mill-konsulenti tal-Ministru tat-Turizmu.

Daqstant ghall-fini tal-legittimita` tal-persuna tal-intimati.

Dan premess, il-Qorti mhijiex sejra tieqaf hawn izda sejra tidhol **fis-sostanza** tal-pretensjoni ta` dritt avvanzata mir-rikorrenti.

Bla hsara ghall-kwistjoni ta` **fatt** li qamet waqt dan il-procediment, u cioe` l-mod u manjiera kif kienet kondotta u ma` min il-konsultazzjoni u / jew informazzjoni li pprecediet il-hrug tal-avvizi legali, punt li kien kontestat bejn il-partijiet, fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, l-intimati ghamlu riferenza ghar-Reg 2 tar-Regolamenti dwar Ezenzjonijiet taht l-Att dwar l-Intraprizi z-Zghar (Subsidiary Legislation 512.01) sabiex jirrespingu l-pretensjoni tar-rikorrenti illi ghandhom jedd *prima facie* biex jitolbu l-hrug tal-Mandat.

Ir-Reg 2 jitkellem dwar *ezenzjoni ghal strumenti specifici mill-applikazzjoni tal-Att - Kap 512* u jispecifika illi *l-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Intraprizi z-Zghar* (u allura d-disposizzjonijiet li tahthom ir-rikorrenti qeghdin ifittxu kenn) ***m`ghandhomx*** *ikun japplikaw ghal … (b)* ***legislazzjoni fiskali*** *jew …*

M`ghandux ikun hemm l-icken dubju minn qari tal-Avvizi Legali 174 u 175 tal-2016 illi d-disposizzjonijiet hemm kontenuti huma ta` natura fiskali. Dan qed jinghad ghaliex l-Avvizi Legali in kwistjoni hargu bis-sahha tal-Att dwar l-eko-Kontribuzzjoni (Kap 473 tal-Ligijiet ta` Malta). Skont dik il-ligi, eko-kontribuzzjoni jew kontribuzzjoni hija ***imposta*** [Art 3(1) tal-Kap 473] u *imposta* hija kelma ohra

ghal *taxxa.* Il-Kap 473 bir-regolamenti li hargu bis-sahha ta` dak l-Att tikkwalifika bhala *legislazzjoni fiskali.*

**Kwindi r-rikorrenti m`ghandhom l-ebda jedd *prima facie* illi jitolbu l-hrug tal-Mandat sabiex l-Avvizi Legali 174 u 175 tal-2016 ma jidhlux fis-sehh.**

## VI. Konkluzjoni

**Billi t-tieni (ii) rekwizit ghall-hrug tal-Mandat huwa nieqes, ma hemmx htiega li l-Qorti tqis is-sussistenza tar-rekwiziti l-ohra, peress illi l-erba` rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi. Fic-cirkostanzi l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat.**

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-30 ta` Mejju 2016 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**